# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tat-3 ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru : 154/2023 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**JB**

**Vs**

**RB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JB datat 20 ta' Marzu 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fid-9 ta' Lulju 2005, liema ċertifikat huwa hawn anness bħala Dok 'A1';*

*Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Antoinette Antoncich datat 08 ta' Awwissu 2019 wara l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja bid-digriet numru 1695/18 datat 22 ta' Lulju 2019, liema kuntratt huwa hawn anness bħala Dok 'A2';*

*Illi minn dan iż-żwieġ kellhom tifel bl-isem ta' JnB li twieled nhar X;*

*Illi l-obbligu tal-ħlas tal-manteniment għat-tifel wild il-partijiet, dejjem ġie rrispettat, u ma hemmx arretrati ta' ħlas ta' manteniment;*

*Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partitjiet, peress illi l-partijiet irrinunzjaw*

*reċiprokament b'mod definittiv li jirċievu l-manteniment mingħand il-parti l-oħra u dan permezz tal-klawżola numru 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness ma' dan ir-rikors;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-kundizzjonijiet u l-obbligi kollha li kienu miftehmin u mniżżla fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi qegħdin jiġu rrispettati miż-żewġ partijiet;*

*Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkonfermati fl-affidavit tar-rikorrent, liema affidavit qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat Dok 'B', jissodisfa il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant, l-esponent qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tistabilixxi, jirreġistra d-divorzju fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2023 (Vide Fol 20), fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi x'jissottomettu jew sottomissjonijiet finali x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-kontendenti zzewgu nhar id-id-9 ta' Lulju 2005 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minuri. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr Antoinette Antoncich datat 8 t'Awwissu 2019. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet** (Vide Fol 21) u kkonfermat u kkorroborat ma' dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena***

***mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Lulju 2005, liema zwieg jgib certifikat numru 1171/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar Dr Antoinette Antoncich datat 8 t'Awwissu 2019. (vide Dok A1 fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1171/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**